MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 239/2008

**A B f'ismu proprju u bhala kuratur ad litem tal-minuri C D hekk nominat b'digriet tal-Qorti datat 2 ta' Gunju 2008**

**-vs-**

**E D**
**F G**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B f'ismu proprju u bhala kuratur ad litem tal-minuri C D hekk nominat b'digriet tal-Qorti datat 2 ta' Gunju 2008, fejn dan wara li ppremetta:

Illi fis-sittax (16) ta' Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007) twieldet C D u mic-certifikat tat-twelid hawn anness

u mmarkat bhala Dok. ‘A’ jirrizulta li missierha huwa dikjarat li hu l-intimat E D u ommha l-intimata F G;

Illi in forza ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat tlieta u ghoxrin (23) ta’ Awissu tas-sena elfejn u sebgha (2007), fl-atti tan-Nutar Dottor H Vassallo Agius, l-intimata F G sseparat bonarjament minn ma’ zewgha l-intimat E D, u dan gimgha wara t-twelid tal-minuri C D (Dok. ‘B’ hawn anness);

Illi fil-fatt, l-imsemmija minuri twieldet minn relazzjoni bejn l-esponent A B u l-intimata F G, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi jezistu l-estremi kontemplati fil-ligi sabiex l-istess minuri tigi rikonoxxuta mill-esponent A B bhala bintu;

Illi l-esponent A B qed irabbi lil C bhala bintu sa mit-twelid taghha u ghalhekk hi ma ghandhiex pussess ta’ stat konformi mal-Att ta’ Twelid taghha fuq imsemmi;

Illi dana kollu kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-minuri C D hija l-bint naturali tal-esponent A B u mhux bint l-intimat E D, kif dikjarat fl-anness certifikat Dok. ‘A’;

Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-Taghrif dwar it-tarbija billi jindika f’dawn il-paragrafi in sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom, dak kollu li tordnalu din l-istess Qorti okkorrendo billi fil-kolonna intestata “Taghrif dwar it-Tarbija; Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” jigi kancellat il-kunjom “D”, u minflok jidher il-kunjom “B”;

Tordna ukoll lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-

twelid fuq imsemmi fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-Taghrif dwar Missier it-Tarbija billi fil-kolonna intestata “Taghrif dwar Missier it-Tarbija; Isem u Kunjom; Id-Dokument ta’ l-Identita’; Eta’; Fejn Twieldu u Joqoghdu; Isem u Kunjom il-Missier; u jekk hux haj jew mejjet” jigu kancellati l-kliem “E D”; “0011878(M)”; “Pieta’”; “Gwardamangia” u “H D (Alive)” u minflok jitnizzlu l-konnotati ta’ A B, u fil-kolonna intestata “Taghrif dwar l-Omm, Isem u Kunjom” jigu kancellati l-kliem “F D nee’ G wife of the said E D” u jitnizzlu l-kliem “F G wife of E D”.

Bl-ispejjez, inkluz dak tar-Rikors ghan-nomina tal-kuratur *ad litem* prezentat kontestwalment, kontra l-intimati minn issa ngunti sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat in- nota a fol. 27 tal-process, li permezz taghha qed tidher personalment u qieghda tammetti t-talbiet tar-rikorrent pro et noe kif dedotti fil-kawza fl-istess ismijiet premessi.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:

Illi preliminarjament fil-mertu, l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu jehtieg li r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex dawn ikunu jistghu jiddahhlu fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu jehtieg li l-kliem “*the said*” jigu kancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm fuq l-Att tat-Twelid u l-kunjom tat-tarbija irid jigi korrett.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz, it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas tal-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta guramentata ta' E D li eccepixxa:

Illi huwa jikkonferma li hu mhux il-missier biologiku tal-minuri bl-isem C D.

Illi huwa zzewweg lil Maria G fit-13 ta' Mejju 2000 u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Illi huwa ssepara minn maghha ai termini tal-Kuntratt tas-Separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr. H Vassallo Agius fit-23 ta' Awissu 2007, pero' kienu ilhom separati de facto u l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx tfal.

Illi l-minuri twieldet mir-relazzjoni li hija ghandha mill-boyfriend taghha A B.

Illi ghaldaqstant, fid-dettalji tal-kolonna tal-missier, gew imnizzlin id-dettalji tieghu u mhux dak tal-missier biologiku.

Illi m'hemm l-ebda dubju dwar il-fatt li l-konvenut E D mhux il-missier biologiku tal-minuri stante li huma qatt ma regghu kienu intimi u lanqas fi zmien meta giet ikkoncepita it-tarbija.

Illi huwa m'ghandux ibati l-ispejjez tal-proceduri odjerni stante li martu kienet adultera u welldet din it-tarbija qabel ma l-partijiet kienu separati legalment.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur u l-konvenuta F G.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawza dwar dikjarazzjoni ta' paternita' tal-minuri C D. Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-minuri m'hijiex wild E D, skond ma jidher fic-certifikat tat-twelid taghha, izda hija wild naturali tar-rikorrenti A B.

L-istess rikorrenti rnexxielu jipprova l-allegazzjoni tieghu ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Dan irnexxielu jaghmlu partikolarment permezz tal-prova xjentifika, kif konfermata bil-gurament mill-Ispizjara Marisa Cassar (fol. 52).

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri C D m'hijiex wild E D izda hija wild naturali ta' A B; tilqa' t-tieni talba u tordna li fl-att tat-twelid Nru. 598 tas-sena 2008 mill-kolonna bid-dettalji ta' missier it-tarbija ghandhom jithassru l-konnotati ta' E D u jitnizzlu minflok il-konnotati ta' A B, Nru. tal-Karta tal-Identita' 246378(M), iben I (haj), tal-eta' ta' 29 sena, imwieled Pieta' u residenti Santa Venera. Kunjom it-tarbija ghandu jkun B. Mill-kolonna bil-konnotati tal-omm ghandhom jithassru l-kliem "*the said*".

L-ispejjez jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------